# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Frar, 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 46/01GV**

**Mark Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Golden Harvest Manufacturing Company Limited**

**vs**

**Lapsi Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitur ta' l-attur nomine fis-somma ta' elfejn, mitejn sitta u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm2,286.56) formanti parti minn somma akbar rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kunsinnata lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha;

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti;

Billi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167-170 tal-Kodcii tal-Procedura Civili, u l-istanti qed jannetti ma dan l-att affidavit markat Dok. A a tenur tal-istess artikolu tal-Kodici tal-Procedura Civli;

Ghaldaqstant l-attur nomine talab lil din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine l-ammont ta' elfejn mitejn sitta u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm2,286.56) formanti parti minn somma akbar rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsinnata lilu;

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Dicembru, 2000 kif ukoll dawk tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru li qeghdin jigu kontestwalment ipprezentati u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-attur nomine;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni; Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta it-talba dedotta fic-citazzjonk tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi t-tilqa' t-talba tal-attur nomine kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**